ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 40 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn 10 ta' Ottubru 2011, fis-2.30pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Petty Cash Settembru 2011;

   b) Skeda ta' Ħlas Settembru 2011;
5. Tarmak ħdejn il-Grawnd tal-Futbol;
6. Offerti;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 39 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tal-Mizura 313 ġiet aċċettata għaldaqstant il-Kunsill se jieħu l-fondi biex isir il-*playground.*

Dwar item 3.3 Permess Nru. PA 4720/03 dwar l-impjant ta' Triq il-Belt Valletta, is-Sindku flimkien mal-Perit Marvin Ellul attendew għall-*board* fil-15 ta' Settembru, 2011, fejn il-Kunsill reġa' oġġezzjona.

Dwar item 3.5, l-ittra ta' Bonnici Bros. dwar l-għoli ta' prezzijiet ġiet mibgħuta lill-Avukat tal-Kunsill is-Sur Luciano Busuttil, iżda ma rċevejna ebda risposta. Ġie deċiż li tinbagħat *reminder* lill-Avukat

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Memo 66/2011 Skema '*Improvements in Exisiting Playing Fields*'. Ġejna mitluba nagħmlu tabella.
Memo 87/2011 Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali 2011. Il-Kunsill iddeċieda li japplika għal din l-iSkema biex tiġi restawrata t-Turretta.
Memo 90/2011 Skema Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2012. Il-Kunsill se japplika biex isiru diversi sports.
Memo 93/2011 Ġejna nfurmati li l-Kunsill se jibda jieħu 10% tal-flus miġbura mill-multi bħala ħlas amministrattiv.
Memo 94/2011 Sabiex issir Tabella fid-daħla ta' kull *Playground*.
Memo 97/2011 Tnedija ta' taħriġ speċjalizzat – Korsijiet u *workshops*. Ser isiru diversi korsijiet għal l-istaff , Segretarju Eżekuttivi u dawk eletti.

Id-Dipartiment infurmana dwar *Employee Supported Volunteering Conference* li ser issir il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2011.

3. L-AKL infurmatna li ser issir konferenza STANDUP iffinanzjat mill-programm *Europe for Citizens.*

4. L-Agenzija Żagħażagħ infurmatna dwar il-programm ta' *Empowerment* din ser issir bil-għan li toħloq opportunita' oħra sabiex ikun faċilitat l-iżvilupp ħolistiku taż-żgħażagħ.

5. Kwotazzjoni mingħand Alberta għal CCTV System. Is-Sindku qal li jeħtieġ issir kamera ħdejn l-iskips fi Triq il-Ħannieqa minħabba li qiegħed jintrema' ħafna skart goff. Il-Kunsill qabel li l-aħjar terġa' toħroġ talba għal kwotazjoni għal kamera.

6. Fuq parir ta' *Econing Engineering* li bagħatu jikkonfermaw li l-aħjar offerta tibqa' ta' l-Alberta u tintuża s-sistema li għandha 10 snin garanzija, il-Kunsill jaqbel ma' dan il-parir u se jagħżel l-offerta tal-Alberta.

7. Il-Meusac organizzaw Seminar *Promotion Sustainable Partnerships* li saret nhar il-Ħamis 28 ta' Settembru 2011. Ghal dan is-Seminar attendiet is-Segretarju.

8. Mingħand *Transport Malta* rċevejna diversi korrispondenza dwar Rotta 135 u ser issir laqgħa ma' *Transport Malta* nhar il-Erbgħa, 12 ta' Ottubru, 2011, fis-2.00pm, fl-uffiċċini ta' *Transport Malta* Sa Maison.

9. *Transport Malta* nfurmatna li ġiet approvata ir-*road hump* li hemm ħdejn il-MUSEUM fi Vjal il-Labour.

10. Bonnici Bros. bagħatu kwotazzjoni ta' €13,111.60 biex tiġi asfaltata l-biċċa art ma' ġenb il-grawnd tal-futbol.

11. Il-Kunsill ta' Marsaskala nfurmana li għandom proġett jismhu *Should to Shoulder*.
Dan billi 5 persuni żgħażagħ bejn it-18 u l-25 sena u li jbatu b'nuqqas ta' dawl jintbagħatu r-Rumanija biex jipparteċipaw fi proġett ma' sħabhom. Jekk hawn xi persuni li jixtiequ jissieħbu jinfurmaw lis-Sindku ta' Marsaskala. Is-Sinjura Agius qalet li taf persuna u se tavviċinha biex tara jekk hiex interessata li tmur. Il-Kunsill qabel.

12. Is-Sindku ġie mistieden għal Program "Affari Tagħna" li ser isir nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ottubru, 2011, fejn se jiddiskutu l-problemi fil-lokalitajiet marbuta mat-trasport pubbliku.

13. Is-Superjura tal-MUSEUM tixtieq tistieden lill-Kunsill għall-*Open Day* nhar il-Erbgħa, 12 ta' Ottubru, 20011, bejn l-4.30pm u t-8.00pm.

14. Iċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm infurmana li nhar il-Ħadd, 9 ta' Ottubru, 2011, ħdejn il-grawnd ser ikun hawn il-*Mobile Blood Donation Unit*.

15. Il-GAL infurmawna b'miżuri ġodda li japplikaw l-aktar fuq l-Agrikoltura.

16. Mingħand is-Sur Raymond Micallef irċevejna nformazzjoni dwar kotba li se jingħataw b'xejn lit-tfal tal-iskola iżda qed jitlob il-Kunsill ħlas ta' €100 biex fuq dawn il-kotba tidher l-emblema tal-Kunsill. Dawn il-kotba għandhom l-approvazzjoni tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni. Il-Kunsill qabel li jagħti €100 għal dan il-għan.

17. Mid-Dipartiment infurmawna li ħarġet l-applikazjoni għal Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriżi 2011. Is-Sindku qal li din id-darba il-Kunsill se jagħmel tabelli li jindikaw l-ismijiet tal-ħwienet, il-Kunsill qabel.

18. Il-*Victim Support Group* jixtiequ li jagħmlu laqgħa mar-residenti dwar l-attivitajiet tagħhom. Dan il-grupp jixtieq ikellem lir-residenti speċjalment l-anzjani dwar l-abbuż fuq l-anzjani. Dan il-grupp lest ukoll li jqassam materjal biex jippromovi din il-laqgħa. Sar qbil li jsir appuntament mal-VSG.

19. Mill- Kumitat tar-Reġjun Nofsinhar irċevejna l-Minuti tal-aħħar laqgħa flimkien mad-Delega għall-laqgħa li jmiss nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru, 2011, fl-4.00pm.

20. Ġejna nfurmati li ser isir taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi flimkien ma' dawk Spanjoli. Dan ser isir nhar id-19, 20 u 21 ta' Ottubru, 2011. Is-Segretarju ser tattendi għal dan it-taħriġ.

21. Mingħand is-Sinjorina Eliza Camilleri ta' *St. Philip Pharmacy* irċevejna ittra fejn infurmatna li tixtieq tamministra l-injezzjoni tal-influwenza għal prezz ta' Euro kull persuna u tixtieq tkun taf kif ghandha tipproċedi biex tagħmel dan. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni dwar li s-Sinjorina Camilleri tamministra l-injezzjoni iżda din trid tkun lesta li tmur fid-djar tal-pazjenti li jkunu jridu jittaqqbu d-dar tagħhom bl-istess prezz.

22. *Għaxaq Football Club* infurmawna li jixtiequ li ssir laqgħa biex isir ftehim ta' koperazzjoni. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a) Lis-Sur Anthony Borg Caruana sabiex issir aktar sorveljanza mill-*wardens* f'ċertu ħinijiet minħabba li qed jgħaddu *Heavy Vehicles* minkejja li hemm it-tabella biex ma jgħaddux.

b) Ittra lill-MEPA dwar l-iskart tossiku li l-Enemalta qed tipproponi li tgħaddi bi trakkijiet madwar Ħal Għaxaq.

ċ) Intbagħatet *Press Release* lill-gazzetti dwar l-ARRIVA.

## 4. Materji Finanzjarji

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Settembru 2011 u li kienu jammontaw għal €10.08. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Talab li jiġu miġbuda mill-Bank €10.08 biex is-Segretarju jkollha biżżejjed *cash flow*.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Settembru 2011*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru 2011 u li jammontaw għal €14,426.93. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara li item 27 *Renewal of Policy* ta' l-*Insurance* li hemm ma' L-*Untours* għall-ammont ta' €943.33 ġie diskuss u l-Kunsill qabel li dan il-ftehim jiġġedded u ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mill-Kunsillier Agius.
Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Tarmak ħdejn il-Grawnd tal-Futbol

Bonnici Bros. bagħatu kwotazzjoni ta' €13,111.60 biex jagħtu tarmak f'biċċa art li tinsab ħdejn il-grawnd u din se tkun estenzjoni mal-kuntratt li Bonnici Bros. diġa' għandu mal-Kunsill. Il-Kunsill aċċetta din il-kwotazzjoni biex dan ix-xogħol isir.

**6.** **Offerti**

Waqt il-laqgħa ġew diskussi l-offerti għall-*Project Manager for the Supervision of the Construction of Playing Field Area in Ghaxaq Housing Estate* u wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li jilqa' l-offerta tal-Perit Aaron Abela. Dawn l-Offerti gew miftuha fil-laqgha Nru 37 li saret fit-12 ta' Lulju 2011 fejn anness mal-Minuti ta' l-istess laqgha hemm li Skeda ta' l-Offerti bhala Appendici 1.

**7.** **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Il-Viċi Sindku qal li wasalu lment li Sqaq Nru. 5 fi Triq ta' Loretu mhux qed jinkines u hemm ħafna ħaxix kbir. Is-Sindku qal li se jmur hu biex jara u s-Segretarju qalet li ser tinforma lill-kuntrattur tal-knis. Il-Kunsill qabel.

2. Il-Viċi Sindku qal ukoll li fi Sqaq Indri Dimech qed iżomm ħafna ilma u b'hekk residenta fl-isqaq qed jidħlilha l-ilma taħt il-madum tad-dar. Is-Sindku qal li se jara x'qed jikkawża dan.

3. Is-Sinjura Agius qalet li madwar is-siġra tal-lumi li hemm ħdejn il-grawnd tal-*mini-pitch* m'għandhiex ċinta madwar il-konka. Is-Sindku qal li din saret hekk apposta biex il-konkos jiġi livell mal-ħamrija.

4. Is-Sindku qal li għandu talba biex Triq Gius. Demicoli issir *One Way* minn Triq tas-Salib l-isfel. Wara diskussjoni ġie deċiż li tinkiteb ittra lir-residenti biex jaraw jaqblux ma' din t-talba. Il-Kunsill qabel.

5. Il-Viċi Sindku qal li hemm il-ħtieġa li titwaħħal mera fi Triq Gammari Dalli faċċata ta' Triq Birżebbuġa. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak. Il-Kunsill qabel.

7. Il-Kunsilliera Agius staqsiet x'qed jagħmlu l-ħaddiema li hemm mal-Kunsill u jekk dawn jistgħux iduru il-bankini. Is-Sindku qal li dawn il-bankini diġa' saru.

8. Is-Sindku qal li hemm ħtieġa li nġibu *open skip* fi Triq il-Ħannieqa biex jinġabar l-iskart goff li hemm fejn is-*substation.* Il-Kunsill qabel.

**8.** **Aġġornament**

Is-Sindku fil-5.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta, 8 ta' Novembru 2011 , fis-2.00 pm.

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Ikkonfermati:- It-Tlieta 8 ta' Novembru 2011, fis-2.00pm.**